MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI SUPERJURI

## MAGISTRAT DR. ANTHONY ELLUL

Seduta tas-27 ta' Lulju, 2007

Citazzjoni Numru. 214/1996/1

**Joseph Portelli**

**Vs**

**Paul Portelli**

**Il-Qorti,**

Rat ic-citazzjoni prezentata mill-attur fl-14 ta’ Ottubru 1996 li permezz taghha ppremetta li:-

Permezz ta’ rikors prezentat quddiem il-Qorti ghall-hrug ta’ mandat ta’ inibizzjoni fl-ismijiet fuq imsemmija bin-numru mija u wiehed u sittin tal-elf disa’ mija u tlieta u disghin (161/1993) l-attur talab l-ispedizzjoni fil-konfront tal-konvenut ta’ mandat ta’ inibizzjoni sabiex dan jigi mizmum milli jitfa’ jew ihalli jinzel xi hmieg ta’ annimali jew ilma mahmug mill-proprjeta’ tal-istess konvenut fi Triq

Hida, Nadur, Ghawdex ghal go mina sottostanti ghall-istess proprjeta' li minnha tissaqqa l-art tal-attur fl-inhawi maghrufa bhala Ta' Majza, Nadur fejn tinsab ukoll giebja mdaqqsa fejn jingabar l-istess ilma.

Waqt is-smiegh ta' dan ir-rikors fis-26 ta' Frar 1993, il-konvenut iddikjara li huwa qatt ma tefa' hmieg ta' demel f'din il-mina u lanqas ma kien ser jitfa' demel fiha.

Permezz ta' rikors iehor ghall-hrug ta' mandat ta' inibizzjoni iehor fl-ismijiet premessi bin-numru tmienja u ghoxrin tal-elf disa' mija u hamsa u disghajn (28/1995) l-attur talab l-ispedizzjoni fil-konfront tal-konvenut ta' mandat ta' inibizzjoni iehor sabiex dan jigi mizmum milli jibda jrabbi l-bhejjem f'dik il-parti mill-proprjeta' tieghu (konvenut) fi Triq Hida, Nadur, Ghawdex li minn fuqha jiskula l-ilma ghal gol-mina fuq imsemmija.

Waqt is-smiegh ta' dak ir-rikors fit-2 ta' Frar 1995 il-konvenut iddikjara li hu ma kienx ser irabbi l-bhejjem fil-parti msemmija tal-mandat.

Minkejja dawn l-obbligazzjonijiet il-konvenut mhux biss baqa' jrabbi l-bhejjem kif fuq imsemmi, talli ghamel xogholijiet ohra sabiex zied in-numru ta' bhejjem u qieghed izomm l-istess u proprju fuq dik il-parti mill-proprjeta' tieghu li minnha jghaddi l-ilma ghal gol-mina, bil-konsegwenza li kwantitajiet ta' demel u hmieg qieghdin jithallew inixxu ghal gol-mina bi hsara kbira ghall-proprjeta' tal-attur.

L-obbligazzjonijiet fuq imsemmija assunti mill-konvenut huma legalment validi u gudizzjarjament tutelabbli.

Talab ghalhekk l-attur sabiex din il-Qorti:-

1. Tiddikjara li l-konvenut naqas li josserva l-obbligi minnu assunti fil-verbal fuq imsemmi.
2. Tordna lill-konvenut sabiex fi zmien qasir u perentorju li jigi lilu prefiss minn din il-Qorti huwa jaghmel a spejjez tieghu dawk ix-xogholijiet kollha mehtiega u opportuni kif jigi determinat minn din il-Qorti, sabiex jigi

eliminat kull skular u hmieg ghal gos-sistema tat-tisqija tar-raba' u dan taht is-supervizjoni ta' perit arkitett li jigi nominat ghal dan il-fini minn din il-Qorti.
3. Tawtorizza lill-attur sabiex fin-nuqqas da parti tal-konvenut jaghmel l-istess xogholijiet a spejjez tal-konvenut.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet prezentata mill-konvenut li permezz taghha eccepixxa:-

1. Preliminarjament in-nuqqas ta' integrita' ta' gudizzju peress illi sewwa l-post fejn jinsabu l-annimal kif ukoll l-istess annimali m'huwiex proprjeta' tal-istess Joseph Portelli wahdu imma jifformaw parti mill-komunjoni tal-akkwisti u t-trobbija tal-annimali u l-gestjoni tan-negozju qieghed isir mit-tnejn flimkien.
2. L-obbligazzjoni assunta mill-konvenut hi wahda purament personali, ma torbotx lil terzi u bil-mod kif redatta tant hi generali li difficli wiehed jista' jidentifika mill-verbal maghmul waqt ir-rikors tat-2 ta' Frar 1995, ghal liema porzjoni mill-proprjeta' tal-konvenut l-istess obbligazzjoni qeghda tirreferi.
3. Fil-mertu u bla pregudizzju, il-konvenut ma kiser l-ebda obbligazzjoni kif wara kollox jirrizulta mid-digriet tal-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Superjuri tat-13 ta' Novembru 1995 fl-atti tal-mandat ta' inibizzjoni numru 161/1993 Joseph Portelli vs Paul Portelli.

Rat l-atti kollha tal-kawza u dawk tal-mandati ta' inibizzjoni numru 161/1993 u 28/1995.

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet.

Rat il-verbal tas-seduta tat-18 ta' Lulju 2007 fejn jinghad li l-kawza thalliet ghas-sentenza ghal-lum.

Ikkunsidrat:-

1. Il-fatti tal-kaz huma s-segwenti:-
(a) Il-konvenut ghandu proprjeta' fi Triq Hida, Nadur Ghawdex.

(b) L-attur hu proprjetarju ta' porzjon art maghruf Ta' Majza, limiti tan-Nadur, Ghawdex.
(c) Is-sors ta' l-ilma ghat-tisqija hu minn mina li kienet saret minn missier il-kontendenti.
(d) Il-konvenut kien ghamel zmien irabbi l-baqar u bhejjem ohra fil-proprjeta' tieghu.
(e) **Fit-23 ta' Frar 1993** l-attur ipprezenta rikors li permezz tieghu talab il-hrug ta' mandat ta' inibizzjoni sabiex il-konvenut *"….jigi inibit milli personalment jew permezz ta' terzi jitfa jew ihalli jinzel xi hmieg tal-annimal jew xi ilma mahmug iehor ghal gos-sistema imsemmija……"* (numru 161/1993). Fis-seduta tas-**26 ta' Frar 1993** saret dikjarazzjoni fis-sens li *"Dr. Anton Refalo u l-intimat prezenti fl-awla jiddikjaraw illi hu qatt ma tefgha hmieg ta' demel f'din il-mina Ta' Majza, u lanqas ma huma ser jitfghu demel fil-mina"*. Dakinhar stess l-attur ceda r-rikors ghall-hrug ta' mandat ta' inibizzjoni.
(f) **Fit-30 ta' Jannar 1995** l-attur ipprezenta rikors li permezz tieghu talab il-hrug ta' mandat ta' inibizzjoni (28/1995) sabiex il-konvenut *"…..jigi mizmum milli jibda jrabbi l-bhejjem fil-parti mill-proprjeta' fuq imsemmija a meno che dan ma jaghalaqx il-qana msemmija jew jaghmel xogholijiet ohra sabiex tigi protetta l-proprjeta' tar-rikorrenti"*. It-talba tal-attur kienet bazata fuq il-premessa li l-konvenut jrabbi l-bhejjem u kultant kien qieghed jiskula l-hmieg tal-bhejjem ghal gewwa l-mina. Inoltre, skond l-attur il-konvenut kien ser jestendi l-parti fejn izomm il-bhejjem f'parti tal-proprjeta' tieghu fejn hemm qana ntenzjonata sabiex ghal go fiha jinzel l-ilma tax-xita. Fis-seduta tat-**2 ta' Frar 1995** il-konvenut (tramite d-difensur tieghu) iddikjara, *"……hu mhux ser idahhal xi bhejjem fil-partijiet imsemmija fil-mandat"*. F'dak l-istadju l-attur ceda r-rikors.
(g) Permezz ta' sentenza moghtija mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fis-16 ta' April 1998 fil-proceduri **Il-Pulizija vs Paul Portelli** (fol. 39), il-Qorti kkonfermat sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) tad-29 ta' Ottubru 1997 li permezz taghha ordnatlu li jnehhi r-razzett ghall-produzzjoni tal-halib li kellu minghajr licenzja mahruga mis-Supretendent tas-Sahha Pubblika. Jirrizulta li sussegwentement il-konvenut ma baqax irabbi l-bhejjem fil-proprjeta' tieghu.

(h) Saru testijiet fuq l-ilma:-

- **<u>Charles Galea (Spettur Sanitarju)</u>** xehed li ha zewg kampjuni ta' ilma fl-14 ta' Settembru 1995 u 19 ta' Awwissu 1996. Ir-rizultat kien *"Grossly contaminated and fit only for irrigation purposes for produce which is not consumed in a raw state"* (fol. 14).
- **<u>Mario Galea (Spettur Sanitarju)</u>** xehed li ha sample tal-ilma u *"irrizultali illi dan l-ilma huwa kontaminat bl-awrina u bil-bacteria illi jista' jigi kemm mid-drenagg kif ukoll mill-hamrija"* (fol. 32). Is-*sample* ttiehed fit-8 ta' Novembru 1999 (fol. 34-35) u fuq ir-rapport hemm *"fit for the irrigation of trees and plants"* u *"nitrite trace, ammonia grossly polluted u chloride 440mg/l"* (fol. 34). Jidher li ttiehdu zewg *samples* ghaliex fid-dokument a fol. 35 hemm rizultat differenti fis-sens li ghalkemm rega' gie kkonfermat li l-ilma hu tajjeb ghat-tisqija tas-sigar u tal-pjanti, *"nitrite excess, ammonia grossly polluted u chloride 610mg/l"*.
- **<u>Noel Portelli (Spettur Sanitarju)</u>** xehed li f'Ottubru 2006 ha *sample* tal-ilma u kkonferma li l-ilma ghandu tracci ta' nitrates u m'huwiex tajjeb ghax-xorb; *"….traces ifisser ftit wisq pero' dan xorta m'huwiex tajjeb ghax-xorb…."*. Zied ighid li l-ilma hu tajjeb ghat-tisqija u li *"mill-aspett tal-bacteriology it-test illi hadna jirrizulta illi l-ilma qieghed sew"*.

2. Fir-rigward tal-ewwel eccezzjoni, il-Qorti tqies li l-gudizzju hu diga' integru. Apparti l-fatt li ma tressqitx prova li l-konvenut hu mizzewweg, f'kull kaz fir-realta' t-trobbija tal-bhejjem kienet qeghda ssir mill-konvenut u jidher bic-car li l-ilment ta' l-attur hu ndirizzat fil-konfront tal-konvenut. L-att, kif deskritt fic-citazzjoni, ma jistax jigi maghdud bhala att ta' amministrazzjoni straordinarja li per konsegwenza jesigi bilfors il-presenza tal-mara mizzewga u b' hekk jaghtiha *locus standi in judicio*. Il-fatt li l-attur jista' jkun mizzewweg u li setghet anke giet imharrka martu, ma kien ser ibiddel xejn. Ghalhekk din l-eccezzjoni ser tigi michuda. F'dan ir-rigward il-Prim'Awla tal-Qorti Civili (Imhallef P. Sciberras) fil-kawza fl-ismijiet **Elmo Insurance Services Limited noe vs Edwin Pace** deciza fit-3 ta' Ottubru 2003 osservat li sabiex att ikun meqjus

bhala att ta' amministrazjzoni straordinarja irid ikun wiehed minn dawk l-atti elenkati fl-Artikolu 1322(3) tal-Kodici Civili (Kap. 16); *"huwa biss fil-limiti tad-disposizzjoni applikabbli illi jrid jigi nkwadrat il-kaz biex jista' jigi accertat jekk il-presenza tan-nisa tal-konvenuti fl-azzjoni prezenti hijiex mehtiega jew le"*.

3. Kif gie kkonfermat mid-difensur ta' l-attur fis-seduta tal-24 ta' Mejju 2007, *"l-ilment ta' l-attur kien relatat mat-tfiegh ta' demel u hmieg li kien qieghed jidhol mill-proprjeta' tal-konvenut ghal gewwa mina li taghti ghal gewwa giebja fil-proprjeta' ta' l-attur"* (fol. 96).

4. Il-partijiet taw verzjonijiet kontrastanti:-

(I) **<u>Joseph Portelli (fol. 24 u 37)</u>**:- xehed li l-ilma gej minn mina u l-ilma hu gieri. Mis-sena 1985 l-ilma li beda jtella' mill-giebja kien mahmug. L-attur isostni li l-ilma kien kontaminat ghaliex il-konvenut kien qieghed irabbi l-annimali fil-proprjeta' tieghu u l-hmieg taghhom kien qieghed jinzel ghal gewwa l-mina.

(II) **<u>Paul Portelli (fol. 47 u 55)</u>**:- xehed li l-ilma jintuza ghat-tisqija tar-raba' u li l-ilma gej mill-blat mhux mill-bjut. Ghalkemm l-ilma hu gieri, meta taghmel ix-xita jkun kontaminat u jkollu riha "hafifa" ta' drenagg (fol. 47). L-ilma minn din il-mina qatt ma kien jintuza ghax-xorb ghaliex ma kienx tajjeb. Isostni li l-ilma kien kontaminat ghaliex id-drenagg mill-fosos li hemm fl-inhawi jiskula. Ir-riha tad-drenagg fl-ilma tkun hemm kull meta taghmel ix-xita. Il-konvenut jichad li kien qieghed jitfa' xi materjal kontaminat f'din il-mina.

5. Huwa minnu li min jallega jrid jipprova. Mela l-oneru tal-prova hu fuq l-attur, cjoe' li l-kontaminazzjoni tal-ilma hu responsabbli ghaliha l-konvenut;*"fil-kamp civili – u b'distinzjoni mill-kamp kriminali – il-grad tal-prova hija wahda ta' 'balance of probabilities' u m'hemmx ghalfejn li l-attur jipprova l-kaz tieghu beyond reasonable dout. Jekk*

*meta l-gudikant jifli u jqis il-provi, jhoss li l-kaz tal-attur aktarx gara kif ighid l-attur, huwa bizzejjed. Pero' din ma tridx tkun semplici kongettura jew possibilita'. Id-domanda mhix "jista' jkun li gara hekk ?" izda ghandha tkun "aktar u probabilment gara hekk ?". "Jinhtieg li l-attur iressaq provi bizzejjed li jikkonvincu moralment lill-gudikant dwar l-allegazzjonijiet maghmula" (Vol. XXXV.319)"* (**Raymond Falzon vs Alfred Agius** deciza mill-Qorti ta' l-Appell fit-22 ta' Frar 1991).

6. L-attur kien ghamel il-kawza fi zmien meta l-konvenut kien qieghed irabbi l-bhejjem fil-proprjeta' tieghu. Mill-kumpless tal-provi l-Qorti hi tal-fehma li:-

(a) L-ilma ma jintuzax ghax-xorb imma ghal skopijiet ta' tisqija tar-raba'. Fatt li hu konfermat ukoll mill-attur b'mod indirett fis-sens li meta applika sabiex isir test tal-ilma f'Novembru 1999 l-iskop kien ***"to test if fit for irrigation purposes"*** (fol. 34-36), u mhux jekk huwiex tajjeb ghall-konsum tal-bniedem. Din il-Qorti kellha l-opportunita' wkoll li f'kawza ohra bejn l-istess partiijet taghmel access fuq il-post. L-area hi art agrikola u hemm ir-raba' ta' l-ahwa Portelli, li qabel kienet ta' missierhom. Jidher li l-awtur tal-kontendenti kien ghamel din il-mina sabiex ikollu mezz ta' tisqija tar-raba'. Dan apparti l-fatt li anke issa li ghaddew is-snin kemm ilu li l-konvenut nehha l-bhejjem, l-ilma ghadu m'huwiex tajjeb ghax-xorb (ara xhieda ta' Noel Portelli). Issa jekk fl-antik kienu jiehdu riskju u jixorbu minghajr ebda kontroll, dik hi kwistjoni ohra.

(b) Il-fatt li l-ilma jintuza ghal skop ta' tisqija u kull darba li sar it-test mill-awtoritajiet sanitarji gie certifikat li l-ilma jista' jintuza ghal skopijiet ta' tisqija, ma jfissirx b'daqshekk li jekk hemm sors li qieghed jikkontamina l-ilma dan m'ghandux jitnehha. Bla dubju din il-kontaminazzjoni hi ta' inkonvenjent ghal min ghandu giebja fil-proprjeta' tieghu u jaghmel uzu mill-ilma (anke jekk biss ghal skopijiet ta' tisqija), u dan l-inkonvenjent m'ghandux jigi tollerat.

(c) Fiz-zmien li l-konvenut kien qiegħed irabbi l-bhejjem kien hemm kontaminazzjoni qawwija tal-ilma. Fis-seduta tal-23 ta' Mejju 2002 il-konvenut spjega li *"kont inrabbi baqar, mogħoz u naghag. B'kollox kelli xi mitt ras, forsi anke anqas"* (fol. 56). Għalkemm hu minnu li fl-ewwel zewg testijiet il-kampjuni ttiehdu meta (skond l-ufficjal tas-sanita') *"kienet ghamlet xita qawwija"*, meta ttiehed it-test f'Novembru 1999 ma saret ebda kwalifika f'dan is-sens. F'dan it-test kien gie certifikat li hemm prezenza qawwija ta' ammonja fl-ilma u eccess ta' *nitrates*. L-ufficjal spjega li l-ilma kien kontaminat bl-*"awrina"*. Ix-xhud Noel Portelli (seduta tal-10 ta' Lulju 2007) spjega li l-demel fih *nitrates*. Meta xehed, il-konvenut spjega li l-ilma kien ikun fih riha tad-drenagg kull meta kienet taghmel ix-xita; *"mindu saret is-sistema tad-drenagg pubbliku, is-sitwazzjoni tjiebet xi ftit izda xorta kull meta taghmel ix-xita jkun hemm riha tad-drenagg"* (fol. 47). Rita Portelli (prodotta bhala xhud mill-konvenut) spjegat li meta kienet taghmel ix-xita l-ilma kien ikollu *"riha hafifa ta' drenagg"*. Pero' r-rizultat tat-testijiet juru li fiz-zmien li l-konvenut kien ghadu qieghed irabbi l-bhejjem, il-kontaminazzjoni kienet sinifikanti.

(d) Issa li jirrizulta li l-konvenut m'ghadux irabbi l-bhejjem fil-post tieghu, it-test ta rizultat differenti. Fil-fatt fit-test li sar f'Ottubru 2006 ghalkemm irrizulta xorta li kien hemm *"nitrates"* fl-ilma, l-ufficjal tas-sanita' spjega li dawn huma biss tracci. Carmen Vella stess xehedet li *"issa Pawlu nehha l-baqar mill-ahhar ta' Ottubru 2000 'l hawn baqar m'ghandux hemmhekk u l-ilma m'ghadux jigi mdardar, imma niftakar sa l-ewwel gimgha ta' Ottubru niftakar hija Peter ghandu gurnata ta' l-ilma t-Tlieta u fetah l-ilma u tefghu gol-giebja tieghu u kellu hafna hut kollu miet ghax l-ilma kien imdardar"* (fol. 44);

(e) Fl-istat attwali jirrizulta li l-konvenut m'ghadux irabbi bhejjem fil-proprjeta' tieghu. Zgur li l-Qorti ma tistax tasal ghal konkluzjoni li t-tracci ta' *nitrates* li nstabu fl-ilma (wara s-*sample* li ttiehed minn Noel Portelli) hu responsabbli ghalihom il-konvenut. Dan iktar u iktar meta wiehed iqis li x-xhud spjega li t-tracci huma ftit, kif ukoll li l-ilma li jidhol fil-mina hu wiehed gej minn sorsi differenti. Inoltre, l-attur stess isostni sa mill-bidu tal-proceduri

gudizzjarji li l-kontaminazzjoni hi minhabba t-trobbija ta' l-annimali. Permezz ta' nota prezentata fil-11 ta' Mejju 2007 (fol. 94), fir-rigward tal-ahhar rapport li gie prezentat mill-ufficjal tas-sanita' l-attur iddikjara li *"…dan ir-rapport jikkonferma dak li jsostni l-esponenti, u gie dejjem kontradett mill-konvenut, fis-sens li l-ilma tal-mina in kwistjoni huwa di natura gieri, nadif u pur, u mhux kontaminat jew fih id-drenagg"*.

7. Fir-rigward ta' l-obbligazzjonijiet li l-attur qieghed ighid li l-konvenut assuma fl-atti tal-mandati ta' inibizzjoni numru 161/1993 u 28/1995, il-Qorti hi tal-fehma li ghalkemm mill-provi ma jirrizultax li l-konvenut kien qieghed direttament jixhet id-demel u hmieg ta' l-annimali ghal gewwa l-mina, it-trobbija ta' dawn l-annimali fil-proprjeta' tieghu kien qieghed iservi sabiex ikun hemm kontaminazzjoni ta' l-ilma ghaliex kien qieghed jiskula l-hmieg. F'dan is-sens wiehed jista' jghid ghalhekk li l-attur naqas mid-dikjarazzjonijiet li ghamel fl-atti ta' dawn il-mandati u li min-natura taghhom igorru maghhom obbligazzjoni peress li naqas milli jiehu mizuri biex titwaqqaf din il-kontaminazzjoni ta' l-ilma.

8. Jidher ghalhekk li llum m'hemmx mizuri x'jittiehdu in kwantu l-konvenut m'huwiex irabbi bhejjem fil-proprjeta' tieghu u dan mehud in konsiderazzjoni li l-kawza li ghamel l-attur hi msejsa fuq il-premessa li l-konvenut qieghed irabbi l-annimali fil-proprjeta' tieghu u d-demel u hmieg taghhom qieghed inixxi ghal gewwa l-mina. Rajna kif minn meta tnehhew dawn l-annimali ma jirrizultax li hemm xi kontaminazzjoni li ghaliha jista' jinzamm responsabbli l-konvenut. Sfortunatament din hi kawza li hadet xejn inqas minn pendenti kwazi hdax-il sena.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti qeghda taqta' u tiddecidi l-kawza fis-sens li:-

(a) Tichad l-ewwel eccezzjoni sollevata mill-konvenut bl-ispejjez ta' din l-eccezzjoni kontra tieghu.

(b) Tichad it-tieni eccezzjoni u tilqa' l-ewwel talba ta' l-attur fis-sens kif spjegat hawn fuq.
(c) Ghar-ragunijiet fuq moghtija fir-rigward tat-tieni (2) u t-tielet (3) talba tiddikjara li f'dan l-istadju m'hemmx lok li jinghataw ordnijiet jew li jittiehdu xi provvedimenti in kwantu ma jirrizultax li l-konvenut qieghed irabbi l-bhejjem fil-proprjeta' u ma giex ippruvat li llum il-konvenut qieghed jikkontribwixxi ghal xi kontaminazzjoni tal-ilma.

Dwar l-ispejjez, il-Qorti hi tal-fehma li dawn ghandhom jinqasmu in kwantu ghal tlett kwarti (3/4) fuq il-konvenut u kwart (1/4) fuq l-attur in kwantu:-

(a) Il-Qorti waslet ghal konkluzjoni li l-bhejjem li kien irabbi l-konvenut kienu sors ta' kontaminazzjoni tal-ilma.
(b) Wara li snin ilu l-konvenut nehha l-bhejjem mill-proprjeta' tieghu u allura l-ilma ma baqax kontaminat kif kien qabel, l-attur setgha facilment ghen sabiex jigu minimizzati l-ispejjez u li dawn il-proceduri ma jkomplux jitwalu inutilment.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------